05 APR 2022

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 559**

**Il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fid-9.42 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Joseph Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 559.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

559.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

559.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

559.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Ghislaine Bongailas tkun skużata.

## 559.2 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet tal-proġett Miżura 3 – Promozzjoni tal-Wirt Kulturali

559.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex jiġu approvati l-kwotazzjonijiet tal-proġett Miżura 3 - Promozzjoni tal-Wirt Kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet sabiex ma jiġux imxandra l-ismijiet matul il-laqgħa minħabba protezzjoni tad-data, kienet intbgħatet skeda lill-membri tal-Kunsill bid-dettalji tal-kwotazzjonijiet li ġew miġbura. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet relatati max-xiri ta' tabelli u qal li l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża kienet mingħand il-kuntrattur numru 1. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri t-tabelli mingħand il-kuntrattur numru 1 għall prezz ta' €2,300, VAT inkluż, skont l-iskeda annessa.

559.2.2 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet miġbura għall-iżvilupp tal-*mobile app* u qal li l-orħos offerta kienet mingħand il-kuntrattur numru 1. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-iżvilupp tal-*mobile app* issir mill-kuntrattur numru 1 għall-prezz ta' €5,782, VAT inkluż, skont l-iskeda annessa.

559.2.3 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet miġbura sabiex isir *filming* bi *drone* u u *editing* u qal li l-orħos offerta kienet mingħand il-kuntrattur numru 1. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-*filming* bi *drone* u u *editing* isir mil-kuntrattur numru 1 għall-prezz ta' €2,500, VAT inkluż, skont l-iskeda annessa.

559.2.4 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet miġbura sabiex jittieħdu r-ritratti għall-*mobile app* u qal li l-orħos offerta kienet mingħand il-kuntrattur numru 1. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-

Kunsill qabel unanimament li t-teħid tar-ritratti għal-*mobile app* isiru mill-kuntrattur numru 1 għall-prezz ta' €1,550, VAT inkluż, skont l-iskeda annessa.

559.2.5 Il-laqgħa spiċċat fid-9.47 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-561 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 5 ta' April, 2022

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku